MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 510/2003

**Avviz numru 510/03DM**

**Victor u Maria Teresa konjugi Borg**

**Vs**

**Public Cleaners Co-Operative Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) jew somma verjuri li tigi stabblita minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti in kwantu ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) bhala paga dovuta lill-attur ghal perjodu ta' tlett (3) xhur, u in kwantu ghal hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala refuzjoni ta' kapital imhallsa mill-attur bhala wiehed mill-azzjonisti sabiex jinxtraw diversi vetturi ghas-socjeta' konvenuti, u in kwantu ghal sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti spejjez inkorsi

mill-attur sabiex isir *dumping* ta' materjal fil-Maghtab u dan fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deher xi rapprezentant tal-kumpanija konvenuta fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qiegheda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn u sitt mitt Lira (Lm2,600) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-13 ta' Ottubru, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------